Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TNAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 17 ta' Ottubru 2012

**Ħin:** Mid-4.30pm sal-7.20pm

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello (4.46pm)
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jittardja għal-laqgħa għaliex kien għadu xogħol. Hawnhekk ħa s-sedja l-Viċi Sindku

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti tal- Ħdax –il laqgħa tas-Seba' Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħdax-il laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2012. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Desmond Zammit Marmara, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **<u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li sar appell quddiem il-Qorti tal-Appell biex jinstema' l-kaz ta' Louis u Henrietta konjuġi Bianchi vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan.

Inkitbet ittra lill-Kurja tal-Isqof fejn il-Kunsill qed jitlob li ssir spezzjoni fuq il-post fi Pjazza Bertu Fenech fejn ser titella' l-attivita' Nazzjonali ta' Kristu Re nhar il-Ħadd, 25 ta' Novembru 2012.

**F'dan il-ħin daħal is-Sindku u ħa s-siġġu**

**<u>Sospensjoni tar-Regolamenti</u>**

Is-Sindku talab li item *5* jiġi diskuss qabel item *3* minħabba li kien hemm preżenti rappreżentanti mill-Kumpanija Webee Ltd.

**5. Website Tal-Kunsill**

Is-Sur Etienne Borg rappreżentant mill-Kumpanija Weebee Ltd li ngħatalhom l-inkarigu biex ilestu l-website l-ġdid tal-Kunsill Ħal Balzan, ta spjegazzjoni dettaljata ta' kif ser ikun dan il-*website*. Matul din il-laqgħa ġie magħzul il-format tiegħu.

**3. Mozzjoni Nru 43 mressqa mill-Kunsillier Is-Sur Desmond Zammit Marmara**

Il-Mozzjoni tas-Sur Zammit Marmara tinqara' hekk "*Fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, bħal kull Kunsill Lokali ieħor, qiegħed hemm biex ikun ta' servizz għar-residenti tal-lokal, qiegħed nippreżenta din il-Mozzjoni biex il-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan jiżdiedu. Dan qed nitolbu għaliex il-Kunsill għandu biżżejjed impjegati miegħu biex dan ikun possibbli u biex il-pubbliku jinqeda aħjar.*

*Għal dan il-għan, qed nipproponi li l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan jibda jiftaħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mit-tmienja ta' filgħodu sa nofsinhar u mit-tlieta sal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar. Nhar ta' Sibt jibda jiftaħ mit-tmienja ta' filgħodu sa nofsinhar. Dawn il-ħinijiet ġodda żgur li jkunu aktar utli għar-residenti tal-lokal għax kif inhuma l-ħinijiet bħalissa huma qosra wisq u ma jiġġustifikawx il-pagi li qed jintefqu mill-fondi tal-Kunsill Lokali għall-impjegati tiegħu".*

Is-Sindku beda biex qal li skont proċeduri mfassla fl-iStanding Orders tas-Sitt Skeda tal-Att tal-Kunsilli Lokali 15(1), għal kull mozzjoni biex tiġi diskussa jrid ikun hemm proponiment u sekondament, madanakollu din il-mozzjoni xorta ħa tiġi diskussa.

Fuq il-kontenut tal-mozzjoni, l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju jitfasslu fuq skala amministrattiva u skont l-esiġenzi tal-Kunsill u bl-approvazzjoni tagħha.

Is-Sindku talab lis-Segretarju jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra statistika minn Jannar sa l-aħħar ta' Settembru ta' kemm sar xogħol mill-iskrivani fil-ħruġ ta' permessi varji, lmenti li ġew sottomessi l-Kunsill, ipproċessar ta' ittri li nirċievu, kemm minn individwi u Dipartimenti tal-Gvern kif ukoll talbiet oħra mir-residenti. Tpoġġiet ukoll kopja tal-*job description* tal-iskrivani. Għall-informazzjoni ta' kulħadd il-Kunsill minbarra s-Segretarju Eżekuttiv, għandu wkoll jaħdmu miegħu skrivana part-time (20 siegħa) u skrivana full-time.

Skont il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara, il-kritika li qed issir minn nies hi, li għan-numru ta' ħaddiema li għandu l-Kunsill, qed isir ftit xogħol fuq barra u li hu Kunsill rieqed u mhu qed isir xejn. Saħansitra qed iġibu l-Kunsill fuq il-gazzetti li biex isiru xi xogħolijiet idumu ġimgħat jistennew biex dan jitwettaq. Huwa kull ma qed jitlob hu li jitwal il-ħin tal-ftuħ tal-uffiċċju.

Hawnhekk is-Sindku xtaq jiċċara l-punt li xogħolijiet fuq barra ma jsirux mill-iskrivani u l-mozzjoni saret fuq il-ħaddiema ġo l-uffiċċju li jagħmlu xogħol klerikali. Huwa talab lis-Segretarju biex minn issa 'l quddiem tibda tinżamm statistika ta' kemm jiġu nies il-Kunsill biex jagħmlu xi tip ta' lment jew biex jinħarġilhom permess, għaliex jidher li ħafna residenti jużaw is-servizz tat-telefown/emails biex iwasslu l-ilmenti tagħhom. Huwa żgur, li l-uffiċċju qed jintuża biss biex dak li jkun jiġi jagħmel permess meħtieġ u dan jagħmel sens għaliex ma jridx jintesa l-fatt li l-uffiċċju tal-Kunsill għandu problema ta' aċċessibilta' u ma jistax jara li persuna biex tagħmel ilment, titla dan it-taraġ kollu u tiġi l-uffiċċju.

Fuq intervent tal-Viċi Sindku xtaq jirrimarka li peress li jqatta' ħafna ħin il-Kunsill kif inhuwa dover ta' kull kunsillier, kull min jiġi biex jinqeda huwa jingħata l-attenzjoni meħtieġa fejn anke kellu kliem ta' tifħir għal mod kif jinqdew in-nies hawnhekk u l-volum ta' xogħol fl-uffiċċju huwa kbir u qatt ma ppretenda li jiġu msemmija l-iskrivani tal-Kunsill.

Is- Sur Desmond Zammit Marmara reġa' tenna l-fatt li l-mozzjoni għamilha biex il-pubbliku jkun jista' jinqeda aħjar u qal li qisu donnu kull darba li jressaq xi lment tar-residenti, l-kumplament tal-Kunsill jeħodha bħala attakk personali.

Is-Sindku sostna li dan mhux attakk personali u li qed tiġi interpretata ħażin. Kull ma qed jgħid hu li bin-numru ta' skrivani għad dispożizzjoni tal-Kunsill ma jippermettix li jiżdiedu l-ħinijiet. Ir-retrizzjonijiet ta' fondi ma jippermettux li jiġu ingaġġati skrivani oħra, kif ukoll il-linji tal-Kunsilli Lokali ma tippermettix dan peress li f'Ħal Balzan hawn inqas minn hamest eluf resident jgħixu hawnhekk. Huwa xtaq jippreċiża l-fatt li qatt f'dawn is-snin kollha li ilu fil-Kunsill ma avviċinaħ xi ħadd u qallu li mar il-Kunsill mhux fil-ħinijiet tal-pubbliku u ma fetħulux. Huwa jħoss li bħala Kunsill qed nonqsu milli ntuhom opportunitajiet li jmorru korsijiet ta' taħriġ kif inhu l-obbligu tagħna.

Is-Sur Zammit Marmara qal li l-ewwel obbligu tal-Kunsill hu li jinqdew in-nies. Huwa qal li daħal f'websites ta' xi kunsilli u l-ħinijiet tal-ftuħ huma ferm itwal. Is- Sindku talab lis- Sur Zammit Marmara isemmi liema huma dawn il-kunsilli għaliex hemm kunsilli ferm akbar minn tagħna li jimpjegaw iżjed minn erbgħa skrivani skond kemm ittihom l-liġi. Is-Sur Zammit Marmara fl-opinjoni tiegħu li tiftaħ siegħa biss wara nofs n-nhar huwa ftit wisq.

Is-Sindku qal li jekk jridu jsiru xi aġġustamenti fil-ħinijiet huwa ma jsib ebda oġġezzjoni. Kull ma jrid hu li ssir diskussjoni fil-Kunsill fuq dan is-suġġett pero' ma jistax jaċċetta l-fatt li fil-kontenut tal-mozzjoni jidħlu fid-diskussjoni l-iskrivani.

Il-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt ikkumenta fuq il-kontenut tal-mozzjoni fejn talab li jinbidel l-aħħar paragrafu tal-mozzjoni fejn tgħid " kif inhuma l-ħinijiet bħalissa huma qosra wisq u ma jiġġustifikawx il-pagi li qed jintefqu mill-fondi tal-Kunsilli Lokali għall-impjegati tiegħu" u tiġi tinqara " għax kif inhuma l-ħinijiet bħalissa huma qosra"

Is-Sur Desmond Zammit Marmara kompla jsostni li hu kien qed jirreferi għal ħinijiet tal-pubbliku u mhux l-iskrivani. Il-Kunsillier Stephen Gatt u s-Sindku wieġbu li mhux hekk kienet qed tgħid il-mozzjoni.

Hawnhekk is-Sindku talab li tittieħed vot fuq il-mozzjoni tas-Sur Zammit Marmara fejn kien qed jinsisti li l-mozzjoni tibqa' tinqara kif inhi. Is-Sindku sostna li huwa ma jaqbilx mal-kontenut tal-mozzjoni u xtaq jagħmel kontro-mozzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab biex l-ewwel tittieħed vot fuq il-mozzjoni tas-Sur Zammit Marmara fejn kellna vot (1) wieħed favur mis-Sur Zammit Marmara u erba' voti (4) kontra li kienu Dr J. Zammit Montebello, J.Galea, G. Borg u S. Gatt. Il-Mozzjoni ma għaddietx.

Il-Kontro-mozzjoni tas-Sindku kienet tinqara' hekk. " *Ma nistax naqbel li l-ħinijiet bħalissa huma qosra wisq u ma jiġġustifikawx il-pagi li qed jintefqu mill-fondi tal-Kunsill Lokali għall-impjegati tiegħu. Hawnhekk qed nirreferi għall-impjegati klerikali u ninnutaw li dawn l-impjegati huma waħda full time (40 siegħa) u oħra part-time (20 siegħa). Minbarra li jkunu qed jaqdu l-klijenti fil-front office dawn huma responsabbli biex jagħmlu x-xogħolijiet l-oħra tal-uffiċċju u jirrispondu t-telefonati u emails li jirċievu kuljum. Minbarra wkoll li jikkomunikaw ma' diversi entitatjiet governattivi u mhux talli naħseb li dawn l-impjegati qed jiġġustifikaw il-pagi tagħhom imma l-Kunsill qed jonqos milli jibgħathom għal in-house training aktar ta' spiss"*

Is-Sur Zammit Marmara reġa tenna li mhux qed jattakka l-iskrivani imma l-ħinijiet tal-Kunsill kif kien ġie deċiż mill-Kunsilli ta' qabel. Is-Sindku, lis- Sur Zammit Marmara ikkwotalu mill-mozzjoni tiegħu u stqarr li kien jagħmel aktar sens li ma ddaħlux il-kliem " ma jiġġustifikax il-pagi li qed jintefqu mill-fondi tal-Kunsill Lokali għall-impjegati tiegħu".

Ittieħed vot fuq il-kontro-mozzjoni tas-Sindku fejn favur ivvutaw erba'(4) li kienu Dr. Zammit Montebello, J.Galea, G. Borg u S. Gatt kontra vot wieħed (1) tas-Sur D. Zammit Maramara. Il-kontro-mozzjoni għaddiet.

**4. Laqgħa ma' Smart Light Systems Co. Ltd**

Is- Sur Henry Borg, direttur tal-kumpanija Smart Light Systems Co. Ltd ta spjegazzjoni dettaljata tal-kumpanija u l-prodotti tagħha li għandu x'jaqsam ma' *street lighting*.

**6. Kwotazzjoni ERDF 205/08- Survey**

Il-Kunsill qabel li jagħżel dik ta' Matsurv & Associates Ltd peress li kienet l-unika offerta li ntefgħet u minħabba l-urġenza tagħha.

**7. Innovative Projects Ltd- Survey**

Il-kuntratturi tat-tindif tat-toroq fil-lokalita' Innovative Projects Ltd. talbu lill-Kunsill biex isir survey mar-residenti biex ikun jista' jiġi pprogrammat ix-xogħol aħjar u jara fejn jistgħu jittranġaw xi nuqqasijiet li jinqalgħu matul iż-żmien. Il-Kunsill aċċetta li jsir dan is-survey għal ġid tar-residenti.

**8. Rapport dwar l-Ilmenti**

Talba minn residenta fi Triq iz-Zekkuk biex f'dik it-triq jekk jinħarġu xi permessi, ix-xogħol jibda isir wara t-tmienja u nofs ta' filgħodu minħabba li qed ikollhom xi problemi ta' aċċess. Il-Kunsill qabel u aċċetta dan l-ilment.

Dwar ilmenti oħra li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni minn naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

**9. Korrispondenza**

Saret talba mir-residenti li joqgħodu fl-inħawi fejn ġie introdott ir-*Residential Parking Scheme* biex jinħarġilhom permess speċjali. Il-Kunsill ikkonsidra dawn it-talbiet u qabel li jinħareġ permess speċjali biss, għal dawk ir-residenti li għandhom karozza tal-kumpanija ma' min jaħdmu u li jużawha għax-xogħol tagħhom.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**F'dan il-ħin il-Kunsillier is-Sur G. Borg qam minn fuq il-mejda u telaq il-barra mingħajr ma' ingħatat l- ebda spjegazzjoni (6.52pm)**

**10. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill u ta dettalji fuq il-laqgħa li saret ġewwa l-uffiċċju tal-PPCD fejn huma sodisfatti bix-xogħol kif miexi fuq il-Proġett ta' Tisbieħ tal-Pjazza.

Fuq il-kwistjoni tal-HSBC fejn issottomettew pjanti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill, is-Sindku jidhirlu u dan kien hemm qbil mill-Kunsilliera l-oħra li dawn ma jiġux ikkunsidrati għaliex kif juri fuq il-pjanti qed ikunu proposti li jiġu mneħħija kollha l-postijiet ta' parkeġġ quddiem u ħdejn il-Bank u dan jkun ta' detriment għar-residenti.

Is-Sindku reġa tenna li fil-kwistjoni li għandha residenta li toqgħod f'2 Alley 4, Triq Sant'Antnin mal-Kunsill ta' Ħal Lija, il-Kunsill ta' Ħal Balzan mhux ser jaċċetta l-ebda liabilita' fil-konfront tiegħu.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat jifraħ l-Kunsill tal-Belt wara li ngħata t-titlu tal-

Belt Kapitali Ewropeja għas-sena 2018.

Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jerġa' jibgħat ittra lid-Dipatiment tal-Artijiet u jfakkar għal darb' oħra fuq it-talba li saret mill-Kunsill biex tiġi devoluta l-art li tinsab f'Wesgħa Profs Aquilina.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-arretrati żejda li kellu jrodd lura lill-Kunsill wara l-aġġustamenti li saru fl-Onorarja tal-Membri Parlamentari tħallsu kollha.

**11. Toroq u Xogħolijiet Oħra**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li bagħat ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli biex jingħata direzzjoni fuq il-varjazzjoni fil-prezzijiet kif stabbiliti fil-kuntratt li ssottometta Polidano fuq kwotazzjoni li ntalbet mill-Kunsill għal-xogħol ta' *large patching areas* u tindif ta' *culverts* fil-lokalita'. Is-Segretarju informa lid-Dipartiment li fil-kuntratt hemm stabbilit li l-prezzijiet kwotati huma fissi. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li f'kaz li l-kuntrattur ma jaċċettax dawk il-prezzijiet oriġinali, l-Kunsill għandu d-dritt li jwaqqa' l-imsemmi kuntratt u joħroġ sejħa oħra.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li s-Sur C. Azzopardi ġie ssekondat mal-Kunsill mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq bankini.

**12. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash**

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sas-17 ta' Ottubru 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 12,113.26

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Kunsillier, is-Sur S. Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**13. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Triq Papa Alessandru VII, Nru 56. Is- Sur Zammit Marmara saqsa għalfejn ma hemmx linji sofor quddiem il-garage tar-resident. Il-linji sofor u parkeġġ għandhom isiru skont il-permess maħruġ minn Transport Malta.

Is- Sur Zammit Marmara ressaq xi lmenti tar-residenti waqt li kien qed jagħmel xi house visits minn Triq San Valentin, Buontempo Estate, Triq San Frangisk, Triq it-Tabib Zammit, Triq il-Kbira u Triq il-Wied. Il-Kunsill ser jieħu azzjoni fejn jista' sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar L-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2012 fl-4.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data